MALTA

# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA' INGUSTIZZJI

## MAGISTRAT DR. MICHAEL MALLIA

Seduta tas-7 ta' April, 2005

Rikors Numru. 438/1997/1

Rikors Numru:438/97

George Borg
vs
Chairman Airmalta

Illum 7 ta' April 2005

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors ipprezentat fit-3 ta' Settembru 1997 fejn wara li r-rikorrent ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod iktar preciz fi jew ghall-habta ta' 1992 huwa sofra ingustizzja f'li ma giex moghti promozzjoni.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:-

Huwa gie impjegat ma' l-Air Malta fl-1974 fil-grad ta' Technician u gie posted line maitanance. Huwa kien

ghamel il-courses necessarji ghax qabel kien fl-Air Force. Fl-1975 huwa kien ghamel il-full course ta’ Engineer fil-free time tieghu fil-fatt kien gab ic-certifikati necessarji kollha li kien baqghalu kien il-final li dak iz-zmien kien issir il-Pakistan. Ghal xi raguni kien gie mizmum li jmur jaghmel il-final. Wara dan huwa kien ghamel l-ezamijiet ghal approved inspector u fil-fatt kien ghadda u sar l-ewwel approved inspector li kellha l-Air Malta. Fl-1990 huwa mar l-Amerika spejjez tieghu biex jaghmel il-course ta’ Airframe u Powerplant u fil-fatt ghamlu b’success, ghadda mil-finals exams u gab il-licenzji. Applika ghal validation licence mid-DCA Malta u giet mahruga fl-1990. Fl-1992 harget applikazzjoni ghal grad ta’ Ground Engineer u huwa kellu l-kwalifiki kollha mehtiega u applika. Resaq ghall interview quddiem Bord ta’ tlieta minn nies u dam madwar 20 minuta. Irid jghid li meta hargu l-promozzjonijiet huwa gie maqbuz f’dik li hija seniority, kwalifiki akademici u esperjenza. Barra min hekk huwa qatt ma kellu rapporti hziena kontra tieghu u dejjem ghamel xoghlu b’kull responsabilita, barra minn hekk ghandu rakkomandazzjonijiet. Jixtieq jghid li huwa resaq quddiem A/Chief Engineer Louis Giordimaina li matul il-perjodu ta’ l-impieg tieghu kellu kazi ta’ diskriminazzjoni min ghandu.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta’ kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant, ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma’ u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta’ l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta’ Ingustizzji, u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi tigi moghtija l-promozzjoni bl-lura, jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata, li jigi ordnat li jithallas kumpens f’ammont ta’ kif tiddeciedi din il-Qorti.

Ra l-lista tax-xhieda u dokumenti tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta tac-Chairman intimat fejn wiegeb illi:

Illi t-talba tar-rikorrent sabiex jinghata promozzjoni b'lura jew kumpens ghandha tigi michuda u dana ghar-ragunijiet segwenti:

1) Ir-rikorrent ma kienx gie promoss stante li z-zewg kandidati li gew maghzula gabu marki ahjar minnu. (Appendici 1).

2) Illi minn dan ir-rizultat ir-rikorrent kien appella quddiem il-Bord ta' l-appell ta' l-istess kumpanija. Dan l-appell gie rrifjutat. Kopja tar-rapport tal-Bord ta' l-Appell hija hawn mehmuza bhala Appendici 2 liema decizjoni turi b'mod aktar car li l-kandidati maghzula kellhom kwalifiki superjuri ghal dawk ta' l-istess rikorrent.

3) Ir-rikorrent kien awtorizza li johrog 'Release to Service' biss ghal certu xoghol fosthom l-'Aircraft Flight Clearance' u dan sakemm ma kienx ikun hemm xi difett rapportat minn xi pilota. Dan ifisser li huwa ma seta' qatt jiffirma l-'Aircraft Flight Clearance' jekk kemm il-darba kien ikun hemm xi difetti rapportati fl-'Aircraft Technical Log Book'. Ghalhekk il-firma tar-rikorrent kellha biss valur amministrattiv bzonjuza biss ghall-fini tal-proceduri interni tad-Dipartiment in kwistjoni u mhux rikjesta 'ad validitatem' mill-'Air Navigation Order'.

4) Illi meta r-rikorrent inghata c-'Certificate of Validation' mid-direttur ta' l-Avjazzjoni Civili (Appendici 3) dan kien certifikat li juri biss li huwa kien ottjena licenzja partikolari u bl-ebda mod kien ifisser li huwa ma kellux ghalfejn joqghod ghal procedura tal-'Quality Authorisation' ta' l-Air Malta. Hija din l-ahhar li tiddeciedi liema huna l-kwalifiki neccessarji ghal tip u kategorija tax-xoghol in kwistjoni.

5) Illi sabiex jinghata 'Quality Authorisation' mill-Air Malta, r-rikorrent kemm il-darba gie nfurmat li kellu bzonn licenzja hekk imsejha 'Uk Civil Aviation Authority Maintenance Engineers Licence' u approvata mid-Dipartiment ta' L-Avjazzjoni Civili ta' Malta.

6) F’diversi okkazzjonijiet, l-intimat kien assista lir-rikorrent kemm finanzjarjament kif ukoll b’biljetti ta’ l-ajru, u dan sabiex jotjeni licenzja tas-Civil Aviation Authority mill-Ingilterra. Izda huwa naqas milli jottjeni tali licenzja. Fil-fatt, ir-rikorrent kien dahhal hamsa u ghoxrin (25) applikazzjoni mas-Civil Aviation Authority, liema applikazzjonijiet kollha kellhom x’jaqsmu ma’ licenzji relatati mat-titjiriet fl-ajru. Sal-gurnata tal-lum huwa ghadu ma ottjena l-ebda licenzja minn dawn imsemmija. Xhieda ta’ dan hija l-ittra ta’ l-Air Malta lill-Ombudsman datata 20 ta’ Gunju ta’ din is-sena. (Appendici 4).

7) Fl-1996 ir-rikorrent kien ressaq ilment quddiem l-Obudsman (Appendici 5) stante l-fatt li d-Direttur ta’ l-Avjazzjoni Civili ma kienx irrikonoxxa l-licenzja tar-rikorrent. Ir-rapport preliminari ta’ l-Obudsman (Appendici 6) qabel ma’ l-opinjoni ta’ l-Air Malta (Appendici 7) u mad-Direttur ta’ l-Avjazzjoni Civili rigward il-fatt li ma kienet sehhet l-ebda diskriminazzjoni versu r-rikorrent rigward il-licenzja tieghu ta’ l-Federal Aviation Administration of the United States of America in vista tal-‘Quality Control Notice’ numru 001A. Minhabba l-fatt illi l-Air Malta kienet ziedet ir-rekwiziti necessarji biex issir membru tal-‘European Joint Aviation authorities licensing standards’.

Illi ghal kull bon fini l-intimat irrileva li d-dokument li jinsab f’Appendici 7 jispjega ezattament il-funzjoni i l-poteri moghtija lill-Air Malta Engineering department fl-approvazzjoni ta’ ‘full quality authorisation’.

Ghaldaqstant is-socjeta intimata, ghar-ragunijiet premessi u ghar-ragunijiet ohra li jistghu jinqalghu waqt it-trattazzjoni ta’ din il-kawza talbet sabiex din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet tar-rikorrent, bl-ispejjez kontra l-istess.

Ra l-lista tax-xhieda u dokumenti tas-socjeta` intimata.

Sema’ lix-xhieda bil-gurament.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidra

Illi r-rikorrent ha l-ewwel esperjenzi tieghu fil-qasam ta' l-avionics mal-Royal Air Force. Fl-1974 hu gie mpjegat ma l-Air Malta bhala technician u wara ftit sar 'approved inspector'. Fl-1987 mar l-Amerika ghas-spejjez tieghu fejn wara li temm il-kors b'success akkwista certifikat minghand l-FAA fuq l-"Air Frame" u l-"Power Plant Maintanance". Ir-rikorrent ghadda dan ic-certifikat lid-Direttur tas-Civil Aviation u hareg diversi certifikati maghrufa bhala "validation certificates" dawn kienu ghal sentejn u jkopru l-perjodu mill-1990 sa l-1992, 1992 sa 1994, 1994 sa 1996. Fl-1992 wara sejha permezz tac-cirkolari nru 48/92 bid-data tal-24 ta' Settembru 1992 (fol 7) ir-rikorrent applika biex jottjeni l-grad ta' 'ground engineer.' Sar interview pero` gie t-tielet u ma nghatax il-kariga. Ir-rikorrent jallega illi gie maqbuz f'dik li hija anzjanita, kwalifiki akkademici u esperjenza.

Qal li ma kien hemm l-ebda raguni il-ghala ma kellux jigi moghti l-kariga ta' 'ground engineer' u jallega wkoll illi ma nghatatlux minhabba ragunijiet politici u ghalhekk hass ruhu diskriminat mis-socjeta` konvenuta. Semma partikolarment ic-Chief engineer Louis Giordimaina li kien fuq bord ta' l-ghazla illi ghamel il-bsaten fir-roti sabiex ir-rikorrent ma jiehux il-grad li gustament kien jisthoqqlu. Ir-rikorrent ipprova jiehu sodisfazzjon billi appella quddiem il-bord ta' l-appell tas-socjeta` intimata izda l-konkluzzjonijiet taghha kienu illi "ma jirrizultax dak li allega l-appelant illi hu gie unjustly passed over in this promotion exercise u ghaldaqstant l-appellant m'ghandux kaz validu ghal appell tieghu" (fol 31). Ghal darb'ohra r-rikorrent ghamel appell quddiem l-Ombudsman li b'decizjoni moghtija fit-30 ta' April 1997 (fol 43) wasal ghal konkluzjoni illi l-ilment tar-rikorrent ma kienx gustifikat.

Ir-raguni tar-rifjut tal-grad, u taz-zewg istanzi fuq imsemmija, kien wiehed semplici: Ir-rikorrent ma rnexxilux jottjeni l-licenzja mill-Awtoritajiet ta' l-Avjazzjoni Civili Ingliza maghrufa bhala CAA u dan minkejja li huwa pprova diversi drabi biex jottjeni din il-licenzja. Fil-fatt skond Anthony Mifsud a fol 132 ir-rikorrent ha hafna tahrig

mill-Air Malta biex ikollu c-certifikat tal-kwalita mahrug minnha u jghid li r-rikorrent ipprova hames darbiet biex jgib dan ic-certifikat. B'ittra miktuba minn John Jospel li allura kien ic-Chief Engineer ta' dak iz-zmien fil-5 ta' Mejju 1988 jghid "in the past there are nine occassions recorded when Air Malta has financially supported Mr Borg in his attempt to achieve a CAA basic license in London" (annex 5). B'ittra dattata 12 ta' Gunju 1997 ic-Civil Aviation Authority tar-Renju Unit iddikjaraw illi "to date Mr Borg has never had a UK CAA Aircraft Maintanance Engineer Licence" (annex 8 ).

Ic-Chairman intimat gie mitlub jaghti lista ta' l-impjegati kollha li gew moghtija "ceritificate of validation" bejn il-perjodu 1990 sa 1996. Din il-lista qeghda f'annex 7 fil-faxxiklu li jinsab a fol 144 tal-process. Minn din il-lista jidher li r-rikorrent huwa l-unika wiehed illi ghandu certifikazzjoni mill-Amerika mentri l-ohrajn huma kollha certifikati mis-CAA ta' l-Ingilterra. Min ghandu l-FAA Amerikana ghandu wkoll dik Ingliza. Ir-rikorrent jirrikonoxxi illi m'ghandux din il-licenzja u lanqas ma hu nteressat fiha (fol 65). Jargumenta illi skond t-talba ta' l-1994 ic-Chairman intimat kellu jirrikjedi biss "CAA or any other license which is acceptable to the quality assurance and to the Director of Civil Aviation." Peress illi c-certifikat tal-FAA gie accettat mid-Director of Civil Aviation u hareg certifikat ta' validation ghas-snin fuq imsemmija, ir-rikorrent argumenta li dan kellu jigi accettat mic-Chairman intimat.

Min-naha tad-DCA xehed Salvu Fenech fol 74 fejn qal illi ezamijiet ghal "Aircraft Engineer License" ma jsirux Malta u ghalhekk jaccettaw ta' barra u johorgu "validation license" li jkun suggett ghal "Personal Authorisation Certificate" mill-Air Malta. Dan huwa konformi mal-Air Navigation Order illi torbot lil kulhadd. Il-"Personal Authorisation Certificate" jiddependi mill-kompetenza u t-tahrig ta' l-applikant liema tahrig irid jinghata mill-Air Malta avolja m'ghandix l-ebda obbligazzjoni biex taghmel hekk. Fil-fatt jghid "le, ma nahsibx illi hemm obbligu, jien nifhem illi dejjem jiddependi fuq il-Kumpanija tipprovdix it-trainning." (fol 75) Ghalhekk it-Tribunal jirrealizza li l-

kronologija ghandha tkun illi l-ewwel jkun hemm il-licenzja issir l-validation mid-DCA imbaghad il-“Personal Authorisation Certificate” mill-Air Malta li jawtorizzaw lill-applikant illi jirilaxxa ajruplani. Il-“Personal Authorisation Certificate” qatt ma gie rilaxxat fl-intier tieghu mic-Chairman intimat ad illi inharget l-Limited authorisation fejn ir-rikorrent kien awtorizzat jaghmel xi inspections jew tiswijiet zghar fuq ajruplani.

Kif tajjeb osserva l-intimat fin-nota ta’ l-ossrvazzjoni tieghu, l-Air Navigation Order hija bbazata fuq dik Ingliza u skond l-order Ingliza, personnel li jistghu jigu kunsidrati sabiex jilhqu inginiera ghandhom l-ewwel jottjenu l-UK Civil Aviation License. It-Tribunal jirealizza illi ghal fini ta’ l-ezigenzi ta’ l-Air Malta, l-FAA li akkwista r-rikorrent mhijiex bizzejjed. Hu stess jirrikonoxxi certa limitazzjonijiet meta jiddiskrivi l-FAA bhala “… speci ta’ licenzja Amerikana sabiex wiehed ikun jista’ jahdem u jirrilaxxa l-ajruplani fil-kategorija ta’ Air Frame u Power Plant.” (fol 58 et seq)

Louis Giordimaina ic-Chief Engineer ta’ l-Air Malta iddeskriva l-FAA l-aktar certifikat baziku sabiex wiehed ikun jista’ jopera fil-kategoriji imsemmija. Qal ukoll illi l-qasam ta’ specjalizzazzjoni tar-rikorrent kien fl-avionics u mhux fuq l-Air Frame jew il-Power Plant. Mario Mizzi supervisor jghid a fol 87 illi r-rikorrent ilu fix-shift tieghu ghal 7 snin u jafu bhala avionics technician, jaf ukoll illi ghandu l-FAA license. Spjega illi l-FAA hija ekwivalenti ghal CAA izda l-Air Malta qatt ma harget “Personal Certification” ghar-rikorrent. Jghid illi fil-hin liberu tieghu r-rikorrent kien imur fis-section ta’ l-Air Frame u l-Power Plant sabiex ikabbar l-esperjenza tieghu. Din mhijiex pero` l-istess assessment li ghamel Louis Giordimaina c-Chief Engineer, fejn gie spjegat illi hemm differenzi bejn l-FAA u s-CAA. Min ghandu l-FAA irid jaghmel ezami skritt u orali sabiex jakkwista s-CAA, ghad illi l-parti teknika m’hemmx ghalfejn issir.

Minkejja li r-rikorrent ipprova diversi drabi biex jottjeni l-licenzja Ingliza, din qatt ma ottjeniha u t-Tribunal jifhem illi dan huwa l-ostakolu principali tar-rikorrent sabiex

javvanza fil-grad ta' ground engineer. Meta si tratta tas-sigurta ta' l-ajruplani u n-nies illi jahdmu fuqha m'ghandux ikun hemm kompromessi u tajjeb illi l-Kumpanija Air Malta tezigi l-ahjar elementi possibli bl-ahjar kwalifikazzjonijiet sabiex tmantni l-ajruplani taghha. Jekk ma tkunx certa mill-kwalifiki tal-persuni illi jahdmu fuqhom allura bir-ragun ghandha tirrifjuta illi tohrog c-certifikati necessarji. Min imkien ma jirrizulta mill-process illi saret xi diskriminazzjoni kontra r-rikorrent. Kif diga inghad, huwa l-unika wiehed li ma ottjeniex il-licenzja Ingliza u ma jistax jibbazza l-argument tieghu fuq kwalifiki u certifikati ohra illi l-Kumpanija Air Malta ma tirikonoxxix bhala adegwati biex tirilaxxa “Full Quality Authorisation” ghal xoghol fuq l-ajruplani taghha. Minkejja dan l-Air Malta uriet bene volenza lejn ir-rikorrent meta qaltlu illi seta' juza c-certifikati tieghu biex jahdem fuq ajruplani registrati l-Istati Uniti u/jew ajruplani zghar. Izda r-rikorrent baqa' jinsisti illi kellu jigi moghti l-“Quality Authorisation” mill-Air Malta biex jahdem fuq l-ajruplani taghha.

It-Tribunal jidhirlu illi l-Kumpanija ghandha ragun meta hija rrifjutat illi taghti din l-awtorizzazzjoni sakemm ir-rikorrent ma jottemprax ruhu ma l-ezigenzi u standards tal-Kumpanija. Ma rrizultax illi giet mitluba mir-rikorrent xi haga zejda jew aktar oneruza milli kellu haddiehor. Ghalhekk minn dan il-punt zgur illi ma saritx diskriminazzjoni kontra r-rikorrent. Mill-bqija t-Tribunal jaghmel referenza ghal spjegazzjoni teknika u fid-dettal li ta' Louis Giordimaina fl-affidavit tieghu a fol 194 u t-Tribunal jasal ghal konkluzzjoni li r-rikorrent ma hax il-grad ta' ground engineer ghaliex ma kellux il-licenzja partikolari illi tintitolah jigradwa ghal dak il-grad.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi li jichad it-talba tar-rikorrent. Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------